MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Numru 182/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs.**

**Karim Elouansdi**

**Illum 21 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Karim Elouansdi ta' 28 sena, bin Mohammed u Mina nee` Koni, imwieled fil-Marokk nhar 15 t'Awwissu, 1976, li joqoghod fil-fond May Fair, Door D, Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, u detentur ta' karta tal-identita` Maltija bin-numru 23929A gie akkuzat talli:

1. nhar 26 ta’ Frar, 2005 ghall-habta tal-erbgha ta’ filghodu, fil-Qawra, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` kontra PC 421 Alex Mallia, filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;
2. fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew/u ghamel offiza fuq PC 421 Alex Mallia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, u/jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 421 Alex Mallia hekk kif gie iccertifikat minn Dr Gunther Abela M.D. tal-Klinika tas-Sahha tal-Mosta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` gakketta (parka) li tifforma parti mill-uniformi ta’ ufficjal tal-Pulizija, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira imma hija aktar minn ghaxar liri ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra PS 342 Johan Said u PC 421 Alex Mallia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku, u cioe ta’ PS 342 Johan Said u PC 421 Alex Mallia, jew ma halliehomx jew fixkilhom fil-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li b’ligi jkunu ordnati jew jista’ jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. RC4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li l-imputat inoltre iddikjara li huwa jiskuza ruhu tal-akkadut.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tal-lum qal illi minn verifiki li hu ghamel mal-Quarter Master tal-Pulizija jirrizulta li in kwantu ghall-hsara kagunata mill-imputat fuq parti minn uniformi ta’ ufficjal tal-pulizija u cioe` gakketta parka u dan b’referenza ghar-raba’ akkuza migjuba kontra l-imputat l-ammont tal-hsara huwa ta’ erbatax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm14.28).

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 95, 96, 221(1), 325(1)(c), 339(1)(d) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Karim Elouansdi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-imputat inoltre iddikjara li huwa jiskuza ruhu tal-akkadut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Karim Elouansdi ghall-piena komplessiva ta’ sittax-il (16) xahar prigunerija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm14.28) multa, liema multa hi ekwivalenti ghall-ammont ta’ hsara fuq proprjeta` pubblika li saret mill-imputat u

inkwadrata fir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat, u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum l-imputat Karim Elouansdi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Karim Elouansdi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------